MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 19/2012

**Joseph Ellul Grech**

**vs**

**L-Avukat Generali w l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li pprezenta Joseph Ellul Grech fit-23 ta' Marzu 2012, li jaqra hekk:

Illi r-rikorrent Joseph Ellul Grech kien gie mressaq fis-17 ta' Novembru 1999 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u gie akkuzat li f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn il-15 ta' Awwissu 1999 u l-15 ta' Novembru 1999, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi

u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 1) bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat u dan bi ksur tal-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 2) ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq partijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 3) xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 4) ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat mhux imsemmija fl-Artikoli 183 jew 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 5) bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ xi hadd weggghu bil-kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji, jew b’xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; 6) kellu jew zamm skieken jew strumenti ohra bil-ponta u cioe’ ‘hunting knives’ minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; 7) kellu ‘ponn tal-hadid’ (knuckle duster) bi ksur tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; 8) zamm jew kellu zewg ‘slings’, ‘crossbow’ u ‘air pistol’ u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta; 9) fil-15 ta’ Novembru 1999, wara intervent u tfittxija mill-ufficcjali tal-pulizija fil-fond fuq imsemmi u cioe’ 19, Kent Street, Fgura, instab xjentement li kellu fil-pussess tieghu l-oggetti indikati fin-nota ta’ qbid nru. 26/99 li qed tigi mehmuzha ma’ din l-akkuza. Dawn l-oggetti li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta ghandhom valuri totali ta’ Lm54 u dazju ta’ Lm4.374,

liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur tal-Artikoli 60 (a)(b)(c)(k); 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta; 10) fil-15 ta' Novembru, wara intervent u tfittxija minn Ufficcjal tal-Pulizija fil-fond fuq imsemmi u cioe' 19, Kent Street, Fgura, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, l-oggetti indikati fin-nota ta' qbid numru 26/99 li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta tal-valur ta' Lm54, dazju Lm4.374, valur totali u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm8.756, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur tal-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII tal-1998).

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2003 u cioe' hames snin shah wara li tressaq l-ewwel darba taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-appellant kien gie lliberat minn kull htija u piena.

Illi minhabba dawn il-proceduri inutili, ir-rikorrent tilef hobzu u daru u kien kostrett jitlaq minn Malta u minhabba l-istigma li sofra baqa' ma sabx xoghol.

Illi permezz ta' risposta ghall-mistoqsija parlamentari lill-Ministru tal-Intern jirrizulta li l-investigazzjonijiet fil-kaz precitat ma ssukktawx wara li r-rikorrent kien gie lliberat, anzi twaqqfu kompletament.

Illi bid-dovut rigward, minkejja l-fatt koncess illi din il-kawza kienet wahda ta' natura serja, xorta wahda ma jistax jinghad illi din il-kawza kienet ta' natura komplikata jew kumplessa tant li kienet tirrikjedi hames snin shah sabiex tigi konkluza. Illi din il-kawza kienet ikkaratterizzata minn *iter* tortwuz u dan, fil-fehma tar-rikorrent kien minhabba il-mod kif giet kondotta l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u liema *iter* proceduralі jinsab ben traccjat fl-istess atti tal-kawza.

Illi b'hekk, b'kollox, il-process kontra l-esponent dam pendenti circa hames snin qabel ma gie definittivament

konkluz u dan fl-umli fehma tal-esponent jikkostitwixxi dewmien esagerat u irragjonevoli li wasal biex gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali hekk kif sanciti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni ta' Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Kap. 319).

Illi waqt l-arrest, ir-rikorrenti kie gie assoggettat ghal vjolenza fizika minhabba marda li jbati minnha u li ma thalliex jiehu trattament ghaliha kif ser jirrizulta.

Illi b'dan il-mod gie vjolat fil-konfront tar-rikorrenti, id-dritt fundamentali tieghu li ma jigix assoggettat ghal piena jew trattament inuman u degredanti skont l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

Illi barra dan, l-arrest tar-rikorrent ivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni minn arrest jew detenzjoni arbitrarja skont l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni kif ukoll skont l-artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq dak li hemm provdut fl-artikolu 34 u 36 tal-Kostituzzjoni u tiffissa kumpens.

Ghal dan ir-rikors, l-intimati wiegbu, in linea preliminari, illi:

Fl-ewwel lok il-proceduri odjerni jikkoncernaw l-istess mertu ta' kawza ohra kostituzzjonali fl-istess ismijiet "Joseph Ellul Grech vs Avukat Generali et" (Rik Nru 30/2001) liema kawza kienet giet ceduta fi stadju avvanzat mill-istess Joseph Ellul Grech u ghalhekk **in linea preliminari** r-rikorrent ma jistax jipproponi l-kawza odjerna qabel ma jgib prova li huwa ottempra ruhu mal-Artikolu 907 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din is-sentenza hi marbuta ma’ din l-ewwel eccezzjoni preliminari biss, u din il-Qorti, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet, u rat in-noti tal-osservazzjonijiet minnhom ipprezentati, u wara li rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti partikolarment l-atti tal-kawza “Joseph Ellul Grech v. Avukat Generali et”, rikors numru 30/2001, ceduta mill-istess rikorrenti fl-24 ta’ Novembru 2003, sejra issa tghaddi ghas-sentenza taghha fuq din l-eccezzjoni.

L-Artikolu 907(2) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) jiddisponi kif gej:

“*(2) Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra.*”

Din il-Qorti tinnota li dan l-artikolu jghodd meta dak li jkun jiftah kawza ohra “ghall-istess haga” mitluba f’kawza precedenti u li l-atti taghha jkunu gew rinunzjati. F’dan il-kaz, il-fatti u c-cirkostanzi li wasslu ghall-ilmenti tar-rikorrenti huma, ftit jew wisq, l-istess bhal fil-kawza l-ohra fl-istess ismijiet u li giet ceduta fl-24 ta’ Novembru 2003, peress illi “l-iskop ta’ din il-kawza intlahaq fil-proceduri kriminali fil-kawza ‘Il-Pulizija v. Joseph Ellul Grech’”.

Hemm, pero’, differenza fundamentali: fil-kawza precedenti, ir-rikorrent kien qed jilmenta mid-dewmien li l-proceduri kriminali kontra tieghu kienu qed jiehdu minhabba t-tul ta’ zmien li kienu qed jiehdu l-investigazzjonijiet forensici. Jidher illi wara l-ftuh tal-proceduri kostituzzjonali, il-proceduri kriminali hadu spinta ‘l quddiem u dawn gew konkjuzi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Ottubru 2003, fejn hu gie liberat mill-maggoranza tal-akkuzi; kien ghalhekk illi fl-24 ta’ Novembru 2003, ir-rikorrenti ceda l-kawza kostituzzjonali ghax l-iskop – biex jithaffew il-proceduri – kien intlahaq.

Issa li l-proceduri gew konkluzi, l-istess rikorrent ressaq dawn il-proceduri ghax qed jallega, li l-fatt li l-kawza hadet

erba' snin (u mhux hamsa kif indikat fir-rikors) biex tinghalaq jivvjola d-dritt tieghu ghal smigh xieraq taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk, filwaqt li qabel kien qed jilmenta minn kemm il-kaz tieghu kien qed idum ghaddej, issa qed jilmenta mid-dewmien li kaz ha biex jigi konkluz. Qabel kien qed jilmenta fuq it-trapass taz-zmien biex jigu konkluzi l-investigazzjonijiet waqt li issa qed jilmenta minn kemm dam il-process kollu. Ma jidhirx, ghalhekk, li fiz-zewg kawzi, qed nitkellmu "fuq l-istess haga". Mhux bizzejjed li l-oggett finali fiz-zewg kawzi jkun l-istess, meta fit-tnejn, il-kawzali mhux l-istess (ara "Abela v. Cachia", deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri fil-21 ta' Frar, 2007). Ovvjament, il-fatt li r-rikorrenti rrinunzja ghad-dewmien marbut mat-tul taz-zmien tal-investigazzjonijiet, irid jittiehed in konsiderazzjoni, fil-meritu, meta jigi diskuss l-andament processwali tal-kaz kollu. Ghall-fini tal-artikolu 907(2) imsemmi, ma jidhirx pero' li l-ilment tar-rikorrent bazat fuq l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa l-istess bhal dak li kien il-meritu tal-kawza precedenti.

L-ilmenti tar-rikorrenti marbuta mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea huma ukoll differenti. Fil-kawza l-ohra, l-allegazzjoni kienet li t-trapass taz-zmien kien qed ikollu effett psikologiku hazin fuq l-istat mentali tieghu, u dan minhabba l-akkuzi "imdendla fuq rasu".

Issa, f'din il-kawza, mhux qed jilmenta mill-effett psikologiku tal-akkuzi li tressqu kontra tieghu, imma qed jallega li kien gie "assoggettat ghal vjolenza fizika minhabba marda li jbati minnha" tul iz-zmien li kien arrestat. Hu car li l-ilmenti huma differenti, u ghalkemm hu l-istess Artikolu 3 li qed jigi invokat, ir-raguni u l-kawzali huma differenti, u ghalhekk anke hawn ma jistax jinghad li hawn si tratta fuq "l-istess haga".

F'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jallega ukoll li l-arrest jew detenzjoni tieghu kienet "arbitrarja" u dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-ilment ma kienx tressaq fil-kawza precedenti, u hu wiehed kompletament gdid. Kwindi, l-Artikolu 907(2) zgur mhux applikabbli ghal din il-lanjanza.

L-eccezzjoni preliminari tal-intimati mhijiex, allura, gustifikata.

Din il-Qorti trid tghid, pero', li hi ma taqbilx mal-argument tar-rikorrent li, f'kull kaz, dak l-artikolu ma japplikax ghax hu ma giex mitlub ihallas l-ispejjez relattivi. Mac-cessjoni tal-kawza, inholoq fir-rikorrent, l-obbligu li jhallas l-ispejjez tal-kawza, u bhala debitur tal-obbligazzjoni, sta ghalih li jivverifika l-ammont dovut u jhallas. Debitur ma ghandux jistenna interpellazzjoni mill-kreditur qabel ma jhallas, izda ghandu hu l-oneru li, malli jkun dovut ihallas u jissalda il-kreditu.

Lanqas ma taqbel li, issa, ir-rikorrenti mhux mistenni li jhallas l-ispejjez tal-kawza ghax il-kreditu hu preskritt. Il-ligi tghid li, jekk il-hlas ma jsirx, ma tistax tinfetah kawza ohra, u fil-fatt hemm gurisprudenza fis-sens li anke jekk il-hlas isir wara l-ftuh tat-tieni kawza, xorta wahda t-tieni kawza tkun irritwali (ara, per ezempju, "Agius v. Vassallo", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' Frar, 1901, u "Debono v. Pullicino", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru, 2009) ghax ir-rikorrent jew attur, skont il-kaz, semplicement ma jistax jibda kawza ohra qabel ma jhallas l-ispejjez tal-kawza precedenti. L-ispejjez tal-kawza l-ohra, anke jekk teknikament preskritti jibqghu obbligazzjoni naturali li jridu jithallsu b'mod reali u effettiv qabel ma dak li jkun jiftah kawza ohra "ghall-istess haga" (ara "Casolani v. Arcicovich", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-19 ta' Gunju, 1912).

F'kull kaz, kif inghad, peress li jonqos l-ilment tal-identita' tal-"haga" in kontestazzjoni, l-eccezzjoni preliminari ma tistax tintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati, bl-ispejjez ikunu rizervati ghall-gudizzju finali.

Il-Qorti tordna l-prosegiment tas-smigh tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------